MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2733/2002

**Mario Muscat**

**Vs**

**Doris Abela**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm276.25) spejjez inkorsi ghal tiswijiet li saru mill-attur fil-hajt divizorju b’segwitu ghal hsarat li huwa garrab u li gew ikkagunati mill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li l-ammont m’huwiex dovut u f’kull kaz huwa ezagerat.

Semgha x-xhieda ta’ l-attur minn fejn irrizulta bl-iktar mod cjar kif il-konvenuta kienet qalbet parti mill-hajt divizorju li

jaqsam il-propjeta taghha ghal dik tal-attur u kkagunat hsarat.

Ra d-dokumenti minn fejn jirrizulta li l-attur qieghed jitlob hlas ghal:-
(a) Xoghol li sar fuq il-hajt;
(b) Xiri ta' bricks;
(c) Hlas lill-perit u lill-avukat

Ir-ricevuti li gew prezentati mill-konvenut ikopru l-ammont ta' mija u sitta u sebghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm176.26).

Mill-provi jirrizulta li certu hlasijiet li qieghed jitlob l-attur ma sarux b'riferenza ghall-incident li kellu mal-konvenuta. Hekk per ezempju l-hlas li sar lill-perit fl-10 ta' Dicembru 2001 li sar b'riferenza ghal *"internal and external alterations"* u hrug ta' permessi.

Min-naha taghha l-konvenuta naqset milli tressaq provi u tidher ghas-seduti.

Wara li qies il-provi t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* u fuq bazi ta' ekwita jiffissa l-ammont dovut lill-konvenut fis-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) bhala hlas ghad-danni li kkagunat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------